# INTERVISTA *STORJA*

## Spiro Mizzi: Il-Karriera Twila Ta' l-Industrijalista Numru Wieħed ta' Malta

*Din l-intervista ta' Dr. Henry Frendo mas-Sur Spiro Mizzi toħroġ tagħrif dwar xi effetti li kellha l-flotta imperjali fuq i-iżvilupp industrijali f'pajjiżna kif ukoll xi konsegwenzi li rriżultaw mill-kuntatti anglo-maltin fost ċerta sezzjoni tal-popolazzjoni. Fil-persunaġġ in kwistjoni toħroġ l-esperjenza u saħansitra l-personalità ta' negozjant influwenzat mill-għeruq tiegħu fl-ambjent parrokkjali kif ukoll mill-ħajja differenti tan-nies tas-Servizzi li kien jagħmilha magħhom; in-noti predominanti f'moħħu huma dawk tas-suċċess individwali fid-dinja tan-negozju u tal-ġabra reliġjoċentrika fil-familja.*

SPIRU MIZZI huwa l-bennej tal-intrapriża *Mizzi Brothers* li llum tinsab imxerrda ma' Malta u Għawdex. Il-*Mizzi Brothers* fil-preżent huma iżjed kuġini milli aħwa: ulied u ulied ulied is-Sur Spir u l-familja għammiela tiegħu. Għax is-suq għall-prodotti nbidel; iżda kiber — kiber bir-ritmu imgħaġġel tal-*consumer society* — tant li l-*Mizzi Brothers* huma aġenti ta' ruxxmata kumditajiet. Fost l-aġenziji tal-karrozzi għandhom l-aqwa ditti li jeżistu fl-Ewropa; għandhom ukoll aġenziji oħra kbar ta' *domestic appliances*. F'dawn l-aħħar għaxar snin il-kumpanija espandiet fl-oqsma tat-turiżmu u tal-esportazzjoni (karrozzi u komponenti elettriċi lill-Ġermanja u pajjiżi oħra tas-Suq Komuni). Jimpjegaw 'il fuq minn 500 ħaddiem. Mill-kumpaniji kollha reġistrati f'Malta, din hi wkoll l-intrapriża li toffri l-ogħla somma at' flus bħala għajnuna lil studenti li jippromettu.

Meta tipprova tiskopri l-bidu ta' din l-intrapriża industrijali (kbira għal Malta, għalkemm żgħira ħdejn kumpaniji oħrajn barranin) issib li l-oriġinatur tiegħu, Spiru Mizzi, kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna tlajja u nżul. Kien l-istinkar tiegħu — keinet l-ambizzjoni tiegħu li "jikber" — kif ukoll kienu *ċ-ċirkustanzi ta' Malta fi żmienu*, li wassluh għas-suċċessi li kiseb wara.

L-iżjed fattur importanti li għen u saħansitra għamel possibbli l-iżvilupp tal-personalità intraprendenti ta' Mizzi kien, bla dubju, n-*navy*; fi kliemu stess: "il-presenza tan-*navy* — *hi* kienet is-suċċess tiegħi."

Spiridione Mizzi twieled fl-1895 fil-Birgu, bin Giovanni Maria Mizzi, ukoll mill-Birgu, li kien *ship-chandler* (ibiegħ l-affarijiet ta' l-ikel u manutenzjoni lill-ekwipaġġi tal-vapuri navali u merkantili): kien fix-xogħol ta' missieru li Spiru ħa l-ewwel apprendistat tiegħu bħala ġuvnott.* Huma kienu jaħdmu bħala "Admiralty Canteen Contractors" — jieħdu ħsieb li jissupplixxu l-*canteens* tal-flotta ngliża fil-Port il-Kbir; hekk ukoll kienu jagħmlu xi ftit familji oħrajn (ta' Tabona, ta' Borda, ta' Borg Costanzi) qabel l-ewwel gwerra dinjija.

Fl-1919, iżda, ġie n-NAAFI: u ħadilhom xogħolhom huwa. Għalkemm in-negozju ta' qabel sfaxxa minħabba l-wasla tan-NAAFI, is-suq tal-flotta kien jippermetti varjetà ta' inizjattivi li jirrendu, u hekk hu li Mizzi malajr ħa ħsieb li b'metodi ġodda jattira klijenti mill-istess suq ta' qabel. Kienet ironika li s-Servizzi li kienu il-kaġun li ġiebuh kważi b'id wara u bl-oħra quddiem malajr reġgħu stimulawh biex jaqbad triq ġdida fin-negozju.

Dan tabilħaqq kien il-bidu tal-"Mizzi Brothers" meta Spiro flimkien ma' ħuh Joseph xtraw xi erba' jew ħames karrozzi Daimler mingħand il-militar u kkonvertewhom f'xarabanks ("buses"): dawn bdew jiffunzjonaw fuq ir-rotot ta' Tas-Sliema, Marsascala u San Pawl il-Baħar. Kienu jgħaddu mill-Birgu sa Wied il-Għajn u minn Tas-Sliema għall-Belt, imma kienu jagħmlu dan taħt żewġ kundizzjonijiet: waħda kienet li ried ikun il-maltemp tax-xitwa biex ma jaħdmux il-laneċ tal-portijiet u allura kineu bżonnjużi x-xarabanks; l-oħra kienet li ried ikun il-bnazzi tas-sajf meta n-nies mill-ibliet imorru fejn il-baħar mal-familja. Dan però ma kienx xogħol li jirrendi biżżejjed: kien xogħol li jiddependi mill-burdati tat-temp (sa ċertu punt bħall-flotta nnfisha!) u fuq kollox kien xogħol li kellu suq lokali limitat fid-dħul ta' flus li kien jħalli. Għalhekk l-aħwa Mizzi fetħu bil-"garage hire": irmaw b'garaxx (il-Barriera, il-Belt) li kien jikri karrozzi Chevrolet, Overland, Buick u oħrajn bix-xufier b'kollox, għal temp ta' żmien li jvarja minn ġurnata sa ġimgħa jew iżjed. L-ewwel "public relations stunt" li għamlu ta' Mizzi kienet proprju li jgħarrfu li kull vapur li jidħol bis-

* F'nofs is-seklu dsatax lil Ġianmari Mizzi l-Ingliżi kienu bdew isejħulu "Frank": allura dan malajr iddeċieda li jibdel ismu, u hekk sejjaħ lill-kumpanija FRANK MIZZI & SONS.

servizz li kienu joffru; u dan kien servizz rari għax f'Malta wara l-ewwel gwerra ma kienx hawn iżjed minn tużżana karrozzi bħal dawn. (Wieħed mill-ftit nies f'Malta li kellhom karrozza kien, per eżempju, Sir Gerald Strickland.) Il-klijentela ta' Mizzi malajr saret mill-ġdid il-flotta, b'mod speċjali l-uffiċjali tan-*navy* Ingliża, filwaqt li mill-banda l-oħra kompla għaddej ukoll l-inkarigu fit-trasport pubbliku.

Lil Spiro Mizzi xejn ma kont tgħaddih mill-għajn il-labra: b'perseveranza liema bħala baqa' għaddej iżid u jkabbar fuq li kien irnexxielu jagħmel. Kien determinat li ma jħalli lil ħadd jidħak bih u li kemm jista' jkun ma jkollu għalfejn jiddependi fuq ħadd: għalhekk beda jaqra kemm jiflaħ rivisti amerikani u ingliżi dwar il-karrozzi u l-mekkanika.

Minn dan l-istadju ta' garaxx tal-kiri Mizzi espanda għal dak ta' importatur tal-karrozzi, li bil-mod il-mod kienu bdew isiru popolari fis-snin għoxrin u tletin. F'Malta tas-snin għoxrin kien hawn aġent tal-FIAT u ieħor (mhux Gasan għalissa) tal-FORD. Imma kellu jkun proprju uffiċjal tan-*navy* (klijent tal-garaxx) li jintroduċi lil Mizzi għall-isem ta' Lord Nuffield, u saħansitra kellu jkun dan l-uffiċjal ingliż li ta lil Mizzi "letter of introduction" biex hu jiltaqa' mar-re tal-karrozzi MORRIS f'Cowley, ħdejn Oxford, fl-Ingilterra. Mizzi beda jġib il-MORRIS. "Bull's nose" — hekk kienu jsibuhom l-ewwel mudelli tal-MORRIS li dehru f'Malta fl-1924. Ħaġa ġġib lil oħra — għax kif sewwa jgħidu: "il-flus igħamlu l-flus".

Nuffield kien beda ħajtu jsewwi u jagħmel il-*push bikes* u spiċċa multi-miljunarju: il-"Henry Ford" tal-Ingilterra. Spiro Mizzi ta' Malta issa għamel ħbieb miegħu u mar għandu diversi drabi, anki akkumpanjat minn martu*. Mart Nuffield ukoll żaret Malta, wara t-tieni gwerra dinjija. Lord Nuffield hu magħruf sewwa għall-għotjiet kbar tiegħu ta' benefiċenza, u fl-Università ta' Oxford u l-inħawi ta' fejn kien joqgħod — fejn illum hemm il-British Leyland — huma mimlijin istituzzjonijiet u postijiet imsemmijin għalih. Aktarx li Mizzi ttieħed xi ftit minn Nuffield għaliex hu wkoll kellu l-idea li jgħin l-edukazzjoni u lil niesu permezz tal-*Mizzi Foundation* ta' £M10,000 stabbilita fl-1970, u permezz tal-ħafna għotjiet li ta bil-qalb lil knejjes Maltin għal tiżjin u ħwejjeġ oħra tal-parroċċa, li hu ilu tant jiddiletta bihom sa minn mindu kien tifel jerfa' l-Irxoxt

* **Genoveffa née Moncada minn Bormla, li żżewġet lil Mizzi fl-1916, kienet bint inġinier ta' dixxendenza nobbli li kien ħarab lejn Malta minn Catania.**



fil-Birgu.

Mizzi fil-fatt għandu ammirazzjoni speċjali għall-Madonna ta' Philermu, li dwarha ippublika fuljett bit-titolu: STORJA VERA TAL-MADONNA TA' PHILERMU. Qalbu tajba u rasu iebsa fl-istess ħin, Mizzi kien jimxi bil-proverbju "agħmel il-ġid u nsieħ; agħmel id-deni u ftakar fih". Fil-gwerra, meta kien joqgħod Birkirkara, ix-xelter li kellu fil-ġnien kien miftuħ għal kulħadd lejl u nhar. Meta kellu "Rolls Royce" kien jiddejjaq jirkeb fiha u pprefera jsuq il-karrozza żgħira tiegħu.

"Konna dejjem infittxu d-dar, il-knisja", huwa jirrakkonta b'ċerta nostalġija; għalkemm għaraf tajjeb iżomm kuntatti personali permezz tas-safar, biss biss dawk il-vjaġġi kollha sal-Londra u lura biex iżur lil Nuffield: "bit-tren kont iddum sitt ijiem; bil-vapur tnax-il ġurnata." Il-problemi tat-trasport Mizzi hu konxju tagħhom biżżejjed: fil-fatt ix-xewqa kbira tiegħu hi li jinħoloq mudell ta' karrozza "Maltija", karrozza li tkun tista' tinħadem kemm jista' jkun f'Malta, kemm għas-suq lokali kif ukoll għall-esportazzjoni.

Mizzi jammetti li fi żmienu "ma tantx kien hawn kompetizzjoni, mentri llum hawn kompetizzjoni qawwija". Għalkemm dan hu jarah bħala sinjal tajjeb, l-implikazzjoni ta' kliemu hi li kien iżjed faċli tirnexxi fin-negozju qabel milli llum!

L-esperjenzi ta' Mizzi f'żewġ kampi hekk varji — dak tal-parroċċa u dak tan-negozju — tawh karatteristiċi doppji: fuq naħa għandek lit-tifel jilgħab bil-ballun taċ-ċarruta u ċ-ċippitatu, imbagħad jikkontribwixxi l-flejjes għall-armar tal-knejjes u jemmen fil-mirakli tal-Madonna ta' Philermu; fuq in-naħa l-oħra għandek lin-negozjant, il-vjaġġatur, u l-isportiv li kien *champion* tal-*outboard racing* mar-*Royal Malta Yacht Club* (*club* li kien inbeda— jista' jonqos? — minn ingliż: logutenent fir-RAF).

It-tifel imqareb li ried jirnexxi u ma jibqax fejn kien wera x'isarraf meta kien għadu jattendi l-kulleġġ ta' Flores — mnejn spiċċa ħażin, jew aħjar spiċċa bit-tajjeb: għaliex meta nduna li kien qiegħed jiġi kkastigat waqt il-ħin tal-pranzu sempliċiment biex is-surmast kien jiffranka li jixtri l-frotta għad-diżerta, Spiru irrabja u telgħalu, qaleb il-mejda għal fuq is-surmast, u minn dak in-nhar ma marx iżjed skola . . .